MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 736/1991/1

**Saviour Tonna**

***Versus***

**Albert Mizzi u Alfred Calleja fil-kwalità tagħhom ta' diretturi tas-soċjetà *Tigné Development Co. Ltd* għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess, kif debitament awtorizzati**

F'din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab meta weġġa' fuq il-post tax-xogħol.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *houseman* fil-*Holiday Inn Hotel* bejn l-20 ta' Marzu 1989 sakemm spiċċa mix-xogħol. Fid-19 ta' Ġunju 1989, meta kien qiegħed inaddaf fil-*Four Seasons Restaurant* fil-lukanda, indarab u ġarrab debilità permanenti meta tappiera tar-ramm li ma kinitx imwaħħla sew iċċaqalqet minn postha u waqgħet fuq irkobbtu.

Billi qiegħed igħid illi l-ħtija hija tas-soċjetà konvenuta, iżda għalxejn sejħilha biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-

ħlas tad-danni, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illil-inċident tad-19 ta' Ġunju 1989 meta korra seħħ bi ħtija tas-soċjetà konvenuta;
2. tillikwida d-danni li ġarrab; u
3. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-10 ta' Ġunju 1991.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-inċident li fih korra l-attur ma seħħx bi ħtija tagħha iżda minħabba nuqqas ta' għaqal ta' l-attur; u
2. il-kawża hija intempestiva għax is-soċjetà konvenuta qatt ma rċeviet *injury claim* mingħand l-attur u qatt ma kienet mgħarrfa dwar in-natura tad-debilità li l-attur jgħid illi ġarrab.

L-inċident seħħ hekk:

L-attur kien qiegħed inaddaf ir-ramm madwar is-*service counter* fir-*restaurant* tal-lukanda tas-soċjetà konvenuta. Waqt li kien qiegħed jagħmel hekk, biċċa mir-ramm li ma kinitx imwaħħla sew waqgħet, laqtet lill-attur fuq irkobbtu, u weġġgħetu.

Mix-xhieda ħareġ illi l-biċċa ramm li weġġgħet lill-attur kienet inqalgħet drabi oħra. Dan xehditu Irene Desira[1], li kienet *executive housekeeper* fil-lukanda, u wkoll Guido Gambin[2], li kien *housemen* bħall-attur. Jidher ukoll illi s-soċjetà konvenuta ma kinitx wisq tieħu ħsieb tara li tiswijiet meħtieġa jsiru fil-pront, tant illi l-attur xehed illi, xi żmein wara li korra, innota illi l-biċċa ramm li kienet inqalgħet u weġġgħetu kienet għadha maqlugħa[3].

Fil-fehma tal-qorti dan kollu jixhed illi s-soċjetà konvenuta naqset mid-dmir tagħha li tagħmel dak li hu meħtieġ sabiex, fejn hu possibbli, toħloq ambjent ta' xogħol bla perikolu għal min jaħdem fih. Mix-xhieda ħareġ illi mhux biss ma kinux isiru spezzjonijiet regolari biex ikunu identifikati u eliminati l-perikoli, iżda wkoll wara li saret taf bil-perikolu, u saħansitra wara li weġġa' l-attur, is-soċjetà

[1] Ara x-xhieda ta' Irene Desira fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1998 quddiem il-perit legali.

[2] Ara x-xhieda ta' Guido Gambin fis-seduta tat-18 ta' Novembru 1998 quddiem il-perit legali.

[3] Ara x-xhieda ta' l-attur fis-seduta tat-13 ta' April 1992 quddiem il-perit legali.

konvenuta baqgħet ma għamlet xejn. Is-soċjetà konvenuta għalhekk taħti għall-inċident u għandha tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab l-attur.

Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

L-espert mediku maħtur mill-qorti sab illi l-attur għandu debilità permanenti ta' wieħed fil-mija (1%) minħabba l-inċident[4].

Fl-1989, meta seħħ l-inċident, l-attur kellu wieħed u erbgħin (41) sena, u għalhekk *multiplier* xieraq ikun ta' tmintax-il (18) sena. Kellu dħul ta' tnejn u sebgħin lira (Lm72) kull ħmistax, jew elf tmien mija u tnejn u sebgħin lira (Lm1,872) fis-sena. Biex tagħmel tajjeb għat-tnaqqis fil-valur tal-flus kif ukoll għaż-żjidiet li ngħataw minn dak iż-żmien sallum, il-qorti sejra timxi fuq dħul medju ta' tlitt elef u ħames mitt lira (Lm3,500) fis-sena.

Għalhekk il-*lucrum cessans* jiġi sitt mija u tletin lira (Lm630)[5]. Billi l-attur sejjer jieħu d-danni aktar minn ħmistax-il sena wara li seħħ l-inċident, ma hux il-każ illi jsir tnaqqis.

Ma tressqux provi dwar danni oħra ħlief telf ta' qligħ.

Fadal li nqisu l-eċċezzjoni ta' intempestività.

Is-soċjetà konvenuta ikkontestat il-kawża u baqgħet tikkontesta wkoll wara li tressqet ix-xhieda; dan ifisser illi, ukoll li kieku l-attur taha t-tagħrif skond l-eċċezzjoni ta' intempestività qabel ma nfetħet il-kawża, xorta ma kinitx sejra tħallas, u għalhekk ma tilfet xejn minħabba f'dak li hi tara bħala intempestività.

L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, u tgħid illi s-soċjetà konvenuta taħti għall-inċident li fih korra l-attur, tillikwida d-danni fis-somma ta' sitt mija u tletin lira (Lm630) u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur sitt mija u tletin lira (Lm630) flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża u l-imgħax millum sa meta jsir il-ħlas.

---

4 Ara r-relazzjoni tal-Kirurgu Frederick Zammit Maempel ma]lufa waqt is-seduta ta' l-4 t'April 2004.

5 Lm3,500 × 18 × 1% = Lm630.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------